# QLIB IL-KOTBA MQADDSA BIL-MALTI

*Studju tal-Prof.* P. P. SAYDON

IL-KOTBA Mqaddsa bil-Malti! Hames kelmiet żgħar, żgħar u ħfief, ħfief. Imma min jifhem x'ifissru dawk il-kelmiet! Kemm huma dawk li qagħdu jaħsbu kemm xogħol, taħbit u żmien jeħtieġu biex dawk il-kelmiet ma jkunux kelmiet fiergħa, imma jsiru dak li jfissru, kotba li naqrawhom bi lsienna, li nifhmuhom, li nitgħaxxqu bihom? U jekk ma nafux kemm tħabat it-traduttur biex tana f'idejna dik it-traduzzjoni ma jistax ikun li aħna ngħożżu biż-żejjed u kemm ħaqqu x-xogħol tiegħu; u jekk ngħożżuh, tkun għożża għamja, bla għaqal, bla sens. Xi drabi ngħożżuh bħala ktieb bil-Malti iżda bla ma naqrawh, u din hi għożża belha; xi drabi ngħożżuh għax tkun għoġbitna xi biċċa li nkunu qrajna, u din hi għożża tajba imma nieqsa; xi drabi ngħożżuh għax nafu kemm u kif ħadem il-kittieb biex tana dak il-ktieb, u din hi l-għożża li kull kittieb jixtieq li xogħlu jkun milqugħ biha.

Mhawnx wieħed li jħobb il-Malti u ma jafx bit-traduzzjoni tal-Kotba Mqaddsa bil-Malti li bdejt noħroġ ktieb, ktieb mis-sena 1929. Hafna huma wkoll dawk li qraw xi ħaġa minnhom. Imma l-kotra tal-qarrejja tal-Malti għadhom xi ftit bierda għal dawn il-kotba; għadhom ma jurux dik il-għożża li biha kull kittieb jixtieq jara 'l xogħlu milqugħ. Jekk x'uħud iħajjruni biex nibqa' naqleb il-Kotba Mqaddsa kollha bil-Malti għax tassew igħożżuhom, il-bruda ta' oħrajn li donnhom ma jridux jafu bihom taqtagħli qalbi, tberridli l-ħeġġa u tmewwitli l-ħila li bihom bdejt dan ix-xogħol ħmistax-il sena ilu. Lil dawn u lil dawk kollha li jgħożżu l-kotba tiegħi rrid infisser fi ftit kliem x'jiġifieri taqleb il-Kotba Mqaddsa bil-Malti u kif qiegħed naqlibhom jien.

Traduzzjoni ta' l-Iskrittura bil-Malti tista' ssir mil-Latin kif taqraha l-Knisja, jew minn fuq traduzzjoni oħra bl-Ingliż, bit-Taljan, jew bi lsien ieħor. Dan ifisser li t-traduzzjoni Maltija tkun tiswa daqs kemm tiswa t-traduzzjoni li magħmula minnha, jew xi ftit inqas, għax traduzzjoni qatt ma tiswa daqs l-oriġinal tagħha. Ifisser li jekk fit-traduzzjoni hemm xi żball, xi kelma li t-traduttur ma fehmiex jew ma fissirhiex tajjeb, dan in-nuqqas jidħol fit-traduzzjoni Maltija. Barra minn dan traduttur jista' jqis biss li jfisser is-sens mill-aħjar li jista' bla ma jħabbat rasu

xejn li jfittex u jagħżel dejjem l-aħjar kelma, waqt li wieħed ieħor jista' jfittex li jimxi dejjem kelma b'kelma u jagħżel dejjem l-aħjar kelma u l-aħjar kostruzzjoni Maltija. Għalhekk traduzzjoni għandha mertu bħala traduzzjoni u mertu bħala xogħol letterarju. Il-mertu tagħha bħala traduzzjoni jista' jkun kbir jew zgħir skond ma jżomm ma' l-oriġinal; bħala xogħol letterarju l-mertu tagħha jitqies bħall-mertu ta' xogħlijiet oħra letterarji. It-traduzzjoni tiegħi magħmula mil-Lhudi u mill-Grieg li bihom kienu miktubin l-ewwel darba l-Kotba Mqaddsa. Barra minn dan, bħalma fissirt fi Ktieb il-Ġenesi (faċċ. viii), il-qlib magħmul kelma b'kelma, iżda mhu qatt marbut u mjassar mal-kelma Lhudija li ma jiftiehemx. Għamilt kemm stajt biex nagħti sura kollha Maltija lill-ħsieb tal-kittieb imqaddes bla ma nnaqqas xejn mill-qawwa tal-kelma lhudija jew griega.

Traduzzjoni għandha tkun bħal żgieġa nadifa u safja li tħallik tara ċar x'hemm warajha. Traduzzjoni ħażina jew mhix maħduma bir-reqqa hi żgieġa mdennsa. Jekk it-traduzzjoni tiegħi hix żgieġa nadifa jew żgieġa mdennsa ħa jgħidu ħaddieħor; jien minn għalija għamilt kull ma stajt biex nagħti traduzzjoni safja, u rrid issa nuri b'liema għodda u b'liema sengħa ħdimt biex ix-xogħol tiegħi joħroġ għallinqas bla nuqqasijiet kbar.

Naqbżu qabża lura fiż-żmien. Il-Kotba Mqaddsa nkitbu biċċa minnhom mijiet ta' snin qabel Kristu u oħrajn ftit snin wara Kristu. Dak iż-żmien ma kienx hawn stampa. Kopji tal-kotba kienu jinkitbu bl-id u, bħalma jaf kullħadd, fil-kopji bl-id aktarx dejjem ikun hemm xi żball li l-kittieb ma jintebaħx bih, xi kelma mibdula, xi kelma maqbuża, xi kelma mhix magħrufa. Barra minn dan il-kopista xi drabi jdaħħal xi kelma żejda għax jidhirlu li hemm bżonnha jew ibiddel xi kelma li hu ma jkunx fehimha sewwa. Aktar ma l-kopji jiżdiedu, aktar jiżdiedu dawn l-iżbalji, willum, jew meta kienu stampati l-ewwel darba l-Kotba Mqaddsa, il-għadd ta' kliem mibdul, maqbuż, miżiud tela' ġmielu. Għalkemm b'dan it-taħsir kollu t-tagħlim t'Alla fl-Iskrittura baqa' safi bħalma ħareġ minn fommu, madankollu r-reqqa titlob li aħna nagħżlu kemm jista' jkun il-kelma tal-kittieb ewlieni mill-kelma tal-kopista li ġie wara. U dan hu xogħol tqil, għax mhux dejjem tintebaħ bit-taħsir, u meta tintebaħ, mhux dejjem tista' ssewwih. U kemm hu xogħol tqil jidher mill-fatt li għalkemm ħafna għorrief ħabbtu rashom u mlew kotba kbar biex jiflu kull kelma ta' l-Iskrittura u jaraw

hemmx xi taħsir fiha, għadhom ma waslux biex jiftiehmu ħlief fuq ftit kliem.

Iżjed. Bil-Lhudi m'għandna xejn miktub ħlief il-biċċa l-kbira tal-kotba tar-Rabta l-Qadima, u xi ħaġa oħra żgħira ħafna. Ma għandna xejn li nistgħu nqabbluh mal-lingwa tal-Kotba Mqaddsa biex inkunu nafu kif kibret u tbiddlet, kif xi kliem bidel tifsirtu jew żied tifsira oħra ma' dik li kellu, liema kliem miet u liema daħal ġdid. Terġa' xi kliem insibuh darba biss fil-kotba lhudin, u mhux dejjem nistgħu ngħidu jekk dak il-kliem żammx it-tifsira li kellu sa meta saret l-ewwel traduzzjoni. Minn dan jidher kemm hu tqil li tagħti tifsira tajba lil kull kelma tal-Kotba Mqaddsa. Id-Dizzjunarji mhux dejjem igħinuk, għax xi tifsir, li l-għorrief waslu biex jikxfu, għadu mhux miġjub fl-ebda Dizzjunarju. Għalhekk it-traduttur li irid jagħti traduzzjoni maħduma bir-reqqa jaħtieġlu, barra mid-Dizzjunarji, l-għajnuna ta' ilsna oħra Semin u dak it-tagħrif kollu lingwistiku li hu mxerred f'ħafna kotba u Riviste miktubin bl-Ingliż, bil-Franċiż, bit-Taljan, bil-Ġermaniż u b'ilsna oħra wkoll. Nagħtu eżempju: Il-kelma lhudija *nefex*, bil-Malti *nifs*, tfisser "ruħ, nifs (jiena *nnifsi*), persuna, xewqa (ta' l-ikel jew tax-xorb)." Hekk igħidu d-Dizzjunari kollha. Iżda ma' dawn it-tifsiriet jaħtieġ inżidu oħra "gerżuma" li kixfuha m'ilux l-Orientalisti bit-taqbil tal-lhudi mal-ilsien tal-Assirja. Fi ktieb in-Numri 11.6 naqraw: "Xewqitna (in-*nefex* tagħna) niexfa"; hekk qalu l-Iżraelin meta xebgħu mill-manna u xtaqu ikel ieħor. Imma jekk infissru: "Griżmejna nexfin", is-sens jiftiehem aħjar.

Barra milli tkun taf tajjeb it-tifsira ta' kull kelma jaħtieġ ukoll li tkun taf ir-regoli tal-Grammatika u l-aktar tas-Sintassi u tal-istil. Dan minn awl id-dinja. Iżda bħalma xi tifsir ta' kliem ma kienx magħruf ħlief ftit snin ilu, hekk ukoll xi regoli tal-Grammatika sirna nafu bihom wara ħafna tiftix u taqbil ma' ilsna oħra Semin. Nagħtu eżempju: Fil-ktieb ta' Ġob 42, 13 hemm il-kelma *xibqħana*, li ma tinsab imkien aktar fl-Iskrittura kollha. L-aħjar Grammatki tal-Lhudi igħidu li dil-kelma aktarx li hi miktuba ħażin u għandha tinkiteb *xebaħa*=sebgħa. Imma kien hemm min fehimha xort'oħra. F'ilsna oħra qraba tal-Lhudi ż-żjieda *an* f'tarf il-kelma jew f'tarf in-nom tagħti lil dak in-nom it-tifsira ta' għadd imtenni, hekk fl-Għarbi igħidu *kitâb(un)* "ktieb", *kitâbâni* "żewġ kotba". Għalkemm fil-Lhudi l-għadd imtenni jitfisser biż-żjieda ta' *ajim*, jista' jkun li min kiteb il-

ktieb ta' Gob kien jaf ukoll biż-żjieda *an* u għoġbu jinqeda biha flok iż-żjieda *ajim*. Jidhirli li aktar joqrob lejn is-sewwa min iżomm li l-kelma *xribgħana* mhix żbalj, imma li l-għadd imtenni ta' *xebgħa* u li fil-Malti ssir *sebgħajn* jew *sebgħejn* (xi ħadd forsi aktar togħġbu *sebgħatejn*!, imma nqisu li ma nħawdux *sebgħejn* ma' *sebgħin*) li tfisser sebgħa u sebgħa. Mela ngħidu li l-kelma *xribgħana* hi kelma mibnija skond il-Grammatika u tfisser *erbatax*. Is-Sintassi għandha aktar minn rokna waħda li mhix imdawla biż-żejjed, u t-traduttur jaħtieġlu joqgħod b'sebgħa għajnejn li ma jitfixkilx u jaqa' fid-dlam. L-istil hu l-ħajja tal-kitba. Kull ilsien għandu l-bixra tiegħu u kull kittieb għandu x-xejra tiegħu. It-traduttur li jrid jurina x'ħaseb u x'ħass il-kittieb jaħtieġlu l-ewwelnett li jidħol fil-qalba ta' lsien il-kittieb u ġo ruħ il-kittieb innifsu, inkella t-traduzzjoni tkun bħal żġieġa mdennsa, jew bħal daqqa mmewta li ma tidħolx fil-qalb u ma tqanqalhiex.

Hemm ħafna ħwejjeġ oħra li t-traduttur tal-Bibbja għandu jkun jaf biex jagħti traduzzjoni tajba. Il-Bibbja marbuta mal-ħajja tal-Lhud; il-ktib tagħha ħareġ mill-ħajja tagħhom; ħafna kliem, espressjonijiet, xbihat meħudin mill-ħajja tagħhom, mid-drawwiet tagħhom li mhux biss ma jaqblux mad-drawwiet tagħna imma xi drabi ma nafuhomx biżżejjed. U jekk it-traduttur ma jħossx il-ħajja moħbija f'dik il-kelma jew xbiha jew espressjoni kif jista' jqanqalha fil-qarrej? Fis-Salmi u f'kotba oħra nsibu aktar minn darba l-espressjoni "timmedita l-liġi tal-Mulej". Xi tfisser jifhem kulħadd. Iżda biex nifhmu tajjeb it-tifsir ta' din l-espressjoni jaħtieġ niftakru li l-Lhud jaqraw il-Kotba Mqaddsa mhux ġo qalbhom, imma b'leħen minn taħt il-lsien, b'leħen kemm kemm jinstema', donnhom qegħdin igedewdu. Il-verb lhudi li minnu ġej il-verb "timmedita" ifisser "għamel ħoss jew leħen minn taħt il-lsien, gedwed", u għalhekk insibuh imsieħeb mal-ħamiem bħala suġġett. Il-ħamiema tagħmel ħoss qisha qiegħda tgedwed, imma mhux "timmedita". Mela l-espressjoni "timmedita l-liġi tal-Mulej" tfisser taqra l-liġi minn taħt il-lsien bħal wieħed li qiegħed igedwed. Min jaqra ktieb il-liġi jaqrah biex jitgħallem, biex ma jinsiex dak li jkun tgħallem, biex jaħseb dejjem fil-liġi tal-Mulej. Għalhekk l-espressjoni "timmedita l-liġi" mhix ħażina, imma biex nifhmu l-ħajja li hemm miġbura ġo fiha jaħtieġ inkunu nafu kif kienu jaqraw il-Lhud. Ha ndaħħal hawn daqsxejn ta' storja. F'dawn is-snin tal-gwerra ltqajt ma' suldat Lhudi. Kien wieħed minn dawk li tassew jemmnu bir-reliġjon tagħhom. Gie għandi bosta drabi. Urejtu l-Kotba tagħhom bil-

xejn li jfittex u jagħżel dejjem l-aħjar kelma, waqt li wieħed ieħor jista' jfittex li jimxi dejjem kelma b'kelma u jagħżel dejjem l-aħjar kelma u l-aħjar kostruzzjoni Maltija. Għalhekk traduzzjoni għandha mertu bħala traduzzjoni u mertu bħala xogħol letterarju. Il-mertu tagħha bħala traduzzjoni jista' jkun kbir jew zgħir skond ma jżomm ma' l-oriġinal; bħala xogħol letterarju l-mertu tagħha jitqies bħall-mertu ta' xogħlijiet oħra letterarji. It-traduzzjoni tiegħi magħmula mil-Lhudi u mill-Grieg li bihom kienu miktubin l-ewwel darba l-Kotba Mqaddsa. Barra minn dan, bħalma fissirt fi Ktieb il-Ġenesi (faċċ. viii), il-qlib magħmul kelma b'kelma, iżda mhu qatt marbut u mjassar mal-kelma Lhudija li ma jiftiehemx. Għamilt kemm stajt biex nagħti sura kollha Maltija lill-ħsieb tal-kittieb imqaddes bla ma nnaqqas xejn mill-qawwa tal-kelma lhudija jew griega.

Traduzzjoni għandha tkun bħal żgiega nadifa u safja li tħallik tara ċar x'hemm warajha. Traduzzjoni ħażina jew mhix maħduma bir-reqqa hi żgiega mdennsa. Jekk it-traduzzjoni tiegħi hix żgiega nadifa jew żgiega mdennsa ħa jgħidu ħaddieħor; jien minn għalija għamilt kull ma stajt biex nagħti traduzzjoni safja, u rrid issa nuri b'liema għodda u b'liema sengħa ħdimt biex ix-xogħol tiegħi joħroġ għallinqas bla nuqqasijiet kbar.

Naqbżu qabża lura fiż-żmien. Il-Kotba Mqaddsa nkitbu biċċa minnhom mijiet ta' snin qabel Kristu u oħrajn ftit snin wara Kristu. Dak iż-żmien ma kienx hawn stampa. Kopji tal-kotba kienu jinkitbu bl-id u, bħalma jaf kullħadd, fil-kopji bl-id aktarx dejjem ikun hemm xi żball li l-kittieb ma jintebaħx bih, xi kelma mibdula, xi kelma maqbuża, xi kelma mhix magħrufa. Barra minn dan il-kopista xi drabi jdaħħal xi kelma żejda għax jidhirlu li hemm bżonnha jew ibiddel xi kelma li hu ma jkunx fehimha sewwa. Aktar ma l-kopji jiżdiedu, aktar jiżdiedu dawn l-iżbalji, willum, jew meta kienu stampati l-ewwel darba l-Kotba Mqaddsa, il-għadd ta' kliem mibdul, maqbuż, miżiud tela' ġmielu. Għalkemm b'dan it-taħsir kollu t-tagħlim t'Alla fl-Iskrittura baqa' safi bħalma ħareġ minn fommu, madankollu r-reqqa titlob li aħna nagħżlu kemm jista' jkun il-kelma tal-kittieb ewlieni mill-kelma tal-kopista li ġie wara. U dan hu xogħol tqil, għax mhux dejjem tintebaħ bit-taħsir, u meta tintebaħ, mhux dejjem tista' ssewwih. U kemm hu xogħol tqil jidher mill-fatt li għalkemm ħafna għorrief ħabbtu rashom u mlew kotba kbar biex jiflu kull kelma ta' l-Iskrittura u jaraw

hemmx xi taħsir fiha, għadhom ma waslux biex jiftiehmu ħlief fuq ftit kliem.

Iżjed. Bil-Lhudi m'għandna xejn miktub ħlief il-biċċa l-kbira tal-kotba tar-Rabta l-Qadima, u xi ħaġa oħra żgħira ħafna. Ma għandna xejn li nistgħu nqabbluh mal-lingwa tal-Kotba Mqaddsa biex inkunu nafu kif kibret u tbiddlet, kif xi kliem bidel tifsirtu jew żied tifsira oħra ma' dik li kellu, liema kliem miet u liema daħal ġdid. Terġa' xi kliem insibuh darba biss fil-kotba lhudin, u mhux dejjem nistgħu ngħidu jekk dak il-kliem żammx it-tifsira li kellu sa meta saret l-ewwel traduzzjoni. Minn dan jidher kemm hu tqil li tagħti tifsira tajba lil kull kelma tal-Kotba Mqaddsa. Id-Dizzjunarii mhux dejjem igħinuk, għax xi tifsir, li l-għorrief waslu biex jikxfu għadu mhux miġjub fl-ebda Dizzjunarju. Għalhekk it-traduttur li irid jagħti traduzzjoni maħduma bir-reqqa jaħtieġlu, barra mid-Dizzjunarii, l-għajnuna ta' ilsna oħra Semin u dak it-tagħrif kollu lingwistiku li hu mxerred f'ħafna kotba u Rivisti miktubin bl-Ingliż, bil-Franċiż, bit-Taljan, bil-Ġermaniż u b'ilsna oħra wkoll. Nagħtu eżempju :Il-kelma lhudija *nefex*, bil-Malti *nifs*, tfisser "ruħ, nifs (jiena *nnifsi*), persuna, xewqa (ta' l-ikel jew tax-xorb)." Hekk jgħidu d-Dizzjunari kollha. Iżda ma' dawn it-tifsiriet jaħtieġ inżidu oħra "gerżuma" li kixfuha m'ilux l-Orientalisti bit-taqbil tal-lhudi mal-ilsien tal-Assirja. Fi ktieb in-Numri 11.6 naqraw : "Xewqitna (in-*nefex* tagħna) niexfa"; hekk qalu l-Israelin meta xebgħu mill-manna u xtaqu ikel ieħor. Imma jekk infissru : "Griżmejna nexfin", is-sens jiftiehem aħjar.

Barra milli tkun taf tajjeb it-tifsira ta' kull kelma jaħtieġ ukoll li tkun taf ir-regoli tal-Grammatika u l-aktar tas-Sintassi u tal-istil. Dan minn awl id-dinja. Iżda bħalma xi tifsir ta' kliem ma kienx magħruf ħlief ftit snin ilu, hekk ukoll xi regoli tal-Grammatika sirna nafu bihom wara ħafna tiftix u taqbil ma' ilsna oħra Semin. Nagħtu eżempju : Fil-ktieb ta' Ġob 42. 13 hemm il-kelma *xibqħana*, li ma tinsab imkien aktar fl-Iskrittura kollha. L-aħjar Grammatki tal-Lhudi jgħidu li dil-kelma aktarx li hi miktuba ħażin u għandha tinkiteb *xebaħa*=sebgħa. Imma kien hemm min fehimha xort'oħra. F'ilsna oħra qraba tal-Lhudi ż-żjieda *an* f'tarf il-kelma jew f'tarf in-nom tagħti lil dak in-nom it-tifsira ta' għadd imtenni, hekk fl-Għarbi jgħidu *kitâb(un)* "ktieb", *kitâbâni* "żewġ kotba". Għalkemm fil-Lhudi l-għadd imtenni jitfisser biż-żjieda ta' *ajim*, jista' jkun li min kiteb il-

ktieb ta' Ġob kien jaf ukoll biż-żjieda an u għoġbu jinqeda biha flok iż-żjieda ajim. Jidhirli li aktar joqrob lejn is-sewwa min iżomm li l-kelma xribgħana mhix żbalì, imma li l-għadd imtenni ta' xebgħa u li fil-Malti ssir sebgħajn jew sebgħejn (xi ħadd forsi aktar togħġbu sebgħatejn!, imma nqisu li ma nħawdux sebgħejn ma' sebgħin) li tfisser sebgħa u sebgħa. Mela ngħidu li l-kelma xibgħana hi kelma mibnija skond il-Grammatka u tfisser erbatax.

Is-Sintassi għandha aktar minn rokna waħda li mhix imdawla biż-żejjed, u t-traduttur jaħtieġlu joqgħod b'sebgħa għajnejn li ma jitfixkilx u jaqa' fid-dlam. L-istil hu l-ħajja tal-kitba. Kull ilsien għandu l-bixra tiegħu u kull kittieb għandu x-xejra tiegħu. It-traduttur li jrid jurina x'ħaseb u x'ħass il-kittieb jaħtieġlu l-ewwel-nett li jidħol fil-qalba ta' lsien il-kittieb u ġo ruħ il-kittieb innifsu, inkella t-traduzzjoni tkun bħal żġieġa mdennsa, jew bħal daqqa mmewta li ma tidħolx fil-qalb u ma tqanqalhiex.

Hemm ħafna ħwejjeġ oħra li t-traduttur tal-Bibbja għandu jkun jaf biex jagħti traduzzjoni tajba. Il-Bibbja marbuta mal-ħajja tal-Lhud; il-ktib tagħha ħareġ mill-ħajja tagħhom; ħafna kliem, espressjonijiet, xbihat meħudin mill-ħajja tagħhom, mid-draw-wiet tagħhom li mhux biss ma jaqblux mad-drawwiet tagħna im-ma xi drabi ma nafuhomx biżżejjed. U jekk it-traduttur ma jħossx il-ħajja moħbija f'dik il-kelma jew xbiha jew espressjoni kif jista' jqanqalha fil-qarrej? Fis-Salmi u f'kotba oħra nsibu aktar minn darba l-espressjoni "timmedita l-liġi tal-Mulej". Xi tfisser jifhem kulħadd. Iżda biex nifhmu tajjeb it-tifsir ta' din l-espressjoni jaħtieġ niftakru li l-Lhud jaqraw il-Kotba Mqaddsa mhux ġo qalbhom, imma b'leħen minn taħt il-lsien, b'leħen kemm kemm jinstema', donnhom qegħdin igedewdu. Il-verb lhudi li minnu ġej il-verb "timmedita" ifisser "għamel ħoss jew leħen minn taħt il-lsien, gedwed". u għalhekk insibuh imsieħeb mal-ħamiem bħala suġġett. Il-ħamiema tagħmel ħoss qisha qiegħda tgedwed, imma mhux "timmedita". Mela l-espressjoni "timmedita l-liġi tal-Mulej" tfisser taqra l-liġi minn taħt il-lsien bħal wieħed li qiegħed igedwed. Min jaqra ktieb il-liġi jaqrah biex jitgħallem, biex ma jinsiex dak li jkun tgħallem, biex jaħseb dejjem fil-liġi tal-Mulej. Għalhekk l-espressjoni "timmedita l-liġi" mhix ħażi-na, imma biex nifhmu l-ħajja li hemm miġbura ġo fiha jaħtieġ inkunu nafu kif kienu jaqraw il-Lhud. Ha ndaħħal hawn daqs-xejn ta' storja. F'dawn is-snin tal-gwerra ltqajt ma' suldat Lhudi. Kien wieħed minn dawk li tassew jemmnu bir-reliġjon tagħhom. Ġie għandi bosta drabi. Urejtu l-Kotba tagħhom bil-

lhudi. Għoxa, bil-ferħ. Beda jaqra u jgedwed. Daqqet is-sirena u baqa' jgedwed. Inżilt fix-*shelter*, u xħin tlajt sibtu għadu jgedwed.

S'issa rajna fuq fuq x'jaħtieġ biex tifhem tajjeb il-Lhudi qabel ma taqilbu għal ilsien ieħor. Issa naraw x'jaħtieġ biex wara li tkun fhimtu taqilbu għall-Malti. L-ewwelnett traduzzjoni hi, jew għandha tkun, xogħol letterarju. u għalhekk għandha toqgħod għal-liġijiet tal-kitba letterarja. Traduzzjoni tajba għandha tkun *letterali* u *letteraria*. Letterali, jiġifieri magħmula kelma b'kelma; letterarja, jiġifieri magħmula b'mod li togħġob bħalma togħġob kitba oħra letterarja. L-għaqda ta' dawn iż-żewġ kwalitajiet hija l-akbar mertu li jista' jkollha traduzzjoni, u fl-istess ħin l-aqwa tfixkil li jiltaqa' miegħu kull traduttur. Għax jew toqgħod iż-żejjed għall-kelma lhudija, titjassar le'ha u ma tiftiehemx sewwa. jew. biex tagħti libsa sabiħa lill-kelma Maltija titbiegħed iż-że'ied mill-kelma Lhudija. Fit-triq tan-nofs qiegħda s-sengħa, imma li timxi dejjem dritt fin-nofs bla ma tgħawweġ xi ftit mhix ħaġa ħafifa.

It-traduttur Malti għandu jsib dejjem il-kelma li tfisser tajjeb il-kelma lhudija. Kelma li tersaq, li toqrob lejn il-kelma lhudija bla ma tasal sa ħdejha, ma tgħoddx. Jekk il-kelma lhudija tfisser "frott", ma jistax it-traduttur jagħżel il-kelma "għalla" jew "għalejjel", għalkemm iż-żewġ tifsiriet huma qraba ta' xulxin. Jekk fil-Malti m'hemm l-ebda kelma li tfisser il-kelma lhudija. xi drabi sawwart kelma ġdida minn kelma oħra Maltija. Hekk minn *isfel* ħriġt *siefel*, minn *sedqa siedaq*, minn *ħarb* (gwerra) *tħareb* (iggwerra), minn *għawġ għawġi*, minn *xhud xiehed*, u ħafna oħrajn.

Mhux biż-żejjed li ssib il-kelma Maltija li tfisser tajjeb il-kelma lhudija. Ir-reqqa tat-traduzzjoni titlob li verb jitfisser b'verb. u nom jitfisser b'nom. u aġġettiv jitfisser b'aġġettiv. Tifsir ta' kelma bi tnejn jew aktar itellef ħafna mill-qawwa tal-oriġinal; u jekk imbagħad żewġ kelmiet marbutin flimkien bil-konġunzjoni *u* jitfissru waħda b'kelma waħda u l-oħra bi tnejn jew tlieta s-sengħa tal-kitba titlef u l-ġmiel letterarju jonqos. Espressjonijiet bħal dawn: "sabiħ u ta' min iħobbu", "ta' min jibża' minnu u ta' min jaħarbu" huma kontra l-liġijiet ta' stil tajjeb u ta' traduzzjoni tajba. Imma l-Malti għadu xi ftit iebes biex jista' jiltewa kif irid it-traduttur u jitqabbel kelma b'kelma ma' lsien ieħor, Lhudi jew Grieg. Ifittex kemm ifittex it-traduttur Malti

The Royal University of Malta

xi drabi ma jsib qatt il-kelma li tahtieġlu, u għalhekk jinħass imġiegħel iġebbed il-kliem u jagħti parafrasi flok traduzzjoni. Kif jaqleb bil-Malti b'kelma waħda kliem bħal dan: *immoralità, revelazzjoni, iġġustifika, inkredulità, traditur* u ħafna oħra? Tliet toroq għandu t-traduttur miftuħin quddiemu. Jew iħalli dal-kliem kif inhu; jew jagħti parafrasi biex jaħrab il-kelma barranija; jew joħloq kelma ġdida Maltija. L-ewwel triq hi tajba biss meta l-kelma barranija daħlet fil-Malti jew għallinqas tiftiehem mill-kotra u ma hemm l-ebda kelma Maltija li minnha tista' titnissel oħra flokha. It-tieni ħażina. It-tielet hi tajba meta l-kelma ġdida maħluqa mit-traduttur mhix ħlief rima jew fergħa maħruġa u mnibbta minn għerq Malti. Imma din it-triq tiżloq, u ma għandux jimxi fiha ħlief min hu mħarreġ. Halli nagħti eżempju ta' dan. Fl-ewwel vers tal-Ktieb ta' Ġob naqraw li Ġob kien raġel "perfett u ġust". Kif sa nfissru dawn iż-żewġ kelmiet bil-Malti? Għalkemm għandhom libsa Maltija u jiftiehmu, ngħid għalija ma jogħġbunix. Xi ħadd jaħbat forsi jfisser "bla tebgħa jew nuqqas u raġel sewwa". Anqas u anqas ma togħġobni. "Perfett" hu aġġettiv, u "bla tebgħa" huma żewġ kelmiet, preposizzjoni u nom, għalkemm fis-sens tagħhom jiswew daqs aġġettiv; terġa', "perfett" hu wieħed li għandu kull ma għandu jkollu, "bla tebgħa jew bla nuqqas" hu wieħed li ma għandux li ma għandux ikollu. Hekk ukoll "ġust" hu aġġettiv ta' kelma waħda, "raġel sewwa" huma żewġ kelmiet, nom u avverbju użat bħala aġġettiv. Naraw mela nistgħux noħolqu żewġ kelmiet Maltin. "Perfett" bil-Lhudi hu *tam(m)* li fil-Malti tagħti l-verb *temm* u n-nom *tmiem*. *Temm* tagħtik l-idea ta' ħaġa kompluta, li ma jonqosha xejn. "Temmejt il-kitba" tfisser lestejt il-kitba, spiċċajtha u issa ma jonqosha xejn. Mela "kitba mitmuma" hi kitba lesta, maħduma kollha u ma jonqosha xejn. Hekk ukoll "raġel mitmum" hu raġel lest, li għandu kollox, mgħammar u mżejjen b'kull ma għandu jkollu; fi kliem ieħor *raġel perfett*. Flok *mitmum* nistgħu ngħidu *tmim*, aġġettiv ta' għamla waħda bħal *ġdid, rqiq, xħiħ, lħiħ, bnin*. U l-kelma "ġust"? Il-kelma lhudija tfisser "dritt f'għamilu, fi kliemu, fi mġibtu". Il-kelma *sedqa, seddaq* taqdina tajjeb. Noħorġu aġġettiv *sadiq* bħal *sabiħ*, jew *siedaq* bħal *kiesaħ*, jew *saddiq* bħal *qaddis*. It-tlieta tajbin. Mela flok ma ngħidu: "Ġob kien perfett u ġust", ngħidu: "Ġob kien tmim u saddiq". Fil-Bibbja bi lsien Sorjan dawn iż-żewġ kelmiet miġjubin "*tamim u żaddiq*".

Meta t-traduttur ikun sab jew sawwar il-kelma Maltija li tfis-

ser tajjeb il-kelma Lhudija jaħtieġlu jqassam il-kliem kif jitlob l-istil Malti. Għax, għandna niftakru, għalkemm il-Malti u l-Lhudi huma ilsna qraba u jixxiebhu ħafna, għandhom it-tnejn xi ħaġa li tagħżilhom wieħed mill-ieħor. Il-Malti mhux Lhudi, u l-Lhudi mhux Malti. U aktar u aktar jingħażel il-Malti mill-Grieg. Jekk wieħed jimxi kelma b'kelma mal-Lhudi jew Grieg, ikun fil-perikolu li jitjassar lejn il-Lhudi jew Grieg u jagħti traduzzjoni li ma tiftiehemx, jew tiftiehem u ma tingħoġobx. U hawn intennu dak li għidna qabel, li traduzzjoni għandha tkun letterali u letterarja; għandha timxi kelma b'kelma mal-oriġinal u fl-istess ħin toqgħod għar-regoli tal-Grammatka u tal-istil tal-Malti. Ha nqabblu hawn bejniethom żewġ traduzzjonijiet tal-Ktieb ta' Rut, waħda marbuta ftit iż-żejjed mal-Lhudi u l-oħra marbuta mal-Malti bla ma hi maħlula minn mal-Lhudi:

| | |
|---|---|
| 2. 8 U qal Booż lil Ruth: "Le ma smajt, binti? La titlaqx biex tlaqqat f'għalqa oħra, u, terġa' la tgħaddix il quddiem minn hawnhekka imma ibqa' mat-tfajliet tiegħi. | U qal Bogħoż lil Rut: "Qiegħda tisma' binti? La tmurx tlaqqat f'għalqa oħra u l-anqas twarrab minn hawn, imma ibqa' mqabbda wara l-ħaddiema tiegħi. |
| 9 Għajnejk fil-għalqa fejn jaħsdu, u itlaq warajhom, ma wissejtx (jien) lit-tfal biex ma jweġġgħukx? jekk jieħdok l-għatx, itlaq lejn il-qliel u ixrob mnejn jimlew (l-ilma) it-tfal. | Għajnejk fl-għalqa li huma jaħsdu, u imxi warajhom; ara wissejt lill-ħaddiema biex ma jmissukx. U meta jkun bik il-għatx, mur ħdejn il-ġarar u ixrob milli jimlew il-ħaddiema. |

Nagħtu eżempju ieħor mill-Vanġelu ta' San Ġwann:

| | |
|---|---|
| 4. 1 Meta Ġesù sar jaf li l-Farisej semgħu li Ġesù kellu x-xirka u jgħammed bħal Ġwanni, | Meta għaraf il-Mulej li l-Farisej kienu semgħu li Ġesù kien jagħmel u jgħammed dixxipli aktar minn Ġwanni, |
| 2 Għalkemm Ġesù ma kienx jgħammed imma ix-xirka tiegħu, | Għalkemm Ġesù nnifsu ma kienx jgħammed imma d-dixxipli tiegħu. |
| 3 Halla l-Lhudija u reġa' mar fil-Galilea. | Halla l-Lhudija u telaq lejn il-Galilija. |
| 5 Ġie mela fil-belt ta' Samarija jisimha Sikar, ħdejn il-għalqa li Ġakobb ta lil ibnu Ġużeppi. | Ġie mela f'belt tas-Samarija jisimha Sikar, ħdejn il-għalqa li kien ta Ġakobb lil Ġużepp ibnu. |

U b'dawn l-għodda kollha f'idejh it-traduttur Malti tal-Bibbja aktar minn darba fix-xogħol tiegħu jiltaqa' ma' ngroppi iebsa iebsa li ma jistgħu jinħadmu bl-ebda għodda. Xi drabi għalxejn **tfittex** kelma Maltija għax ma ssibhiex; kelma ġdida li tiftiehem mhux dejjem tista' toħloq; u kelma barranija xi daqqiet ma **tkunx flokha.** U hawn jaħtieġ li t-traduttur iħaddem għerfu kollu biex ma jħallix li dawk l-ingroppi jħassrulu xogħlu. Ngħid bla ħabi xejn li xi versi u xi kliem ħaduli żmien twil u ġegħluni nħabbat rasi u nqalleb kotba mhux ftit biex stajt naqlibhom bil-Malti sewwa.

Bħala żjieda ta' dan it-tagħrif qasir sa nagħti biċċa traduzzjoni mill-ktieb ta' Ġob, li bil-għajnuna t'Alla nittama li nkun nista' noħroġ ma ndumx.

Mhux li kont nerġa' għaż-żmien ta' dari,
bħal meta kien Alla jħarisni,
meta kienet tiddi l-imnara tiegħu fuq rasi,
u fid-dawl tiegħu kont nimxi fid-dlam;
bħalma kont f'jiem il-ħarifa ta' ħajti,
meta kien jirfed Alla l-għamara tiegħi,
meta kien għadu Dak li jista' kollox miegħi,
u madwari kienu jduru ż-żgħażagħ tiegħi;
meta kont naħsel fil-ħalib riġlejja,
u l-blat isawwabli għejjel ta' żejt!
Meta kont noħroġ għal bieb il-belt
u fil-misraħ inhejji fejn noqgħod bil-qiegħda,
malli jarawni kienu jinħbew iż-żgħażagħ,
u x-xjuħ iqumu bil-wieqfa.
Il-kbarat kienu jżommu l-kliem
u jqiegħdu idhom fuq fommhom;
leħen il-kbar kien jiskot
u lsienhom ma' ħalqhom kien jeħel.
Min kien jismani, kien igħidli hieni;
min kien jarani, kien igħid il-ġid fija,
għax kont neħles l-imsejken li jitlob għajnuna,
l-iltim u 'l min ma għandux min igħinu.
Il-barka ta' min sa jintilef kienet tinżel fuqi,
u qalb l-armla jien kont inferraħha.
Għajn jien kont lill-agħma
u riġel lill-agħraġ kont
u missier jien kont tal-foqra.